REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1475

tas-6 ta' Settembru 2022

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 133 u l-Artikolu 143(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi qafas legali ġdid għall-politika agrikola komuni (PAK) biex itejjeb it-twettiq tagħha tal-objettivi tal-Unjoni stipulati fit-Trattat. Dak ir-Regolament jispeċifika wkoll dawn l-objettivi tal-Unjoni li jeħtieġ jinkisbu mill-PAK u jiddefinixxi t-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni tal-Unjoni applikabbli għall-Istati Membri, filwaqt li jħalli l-flessibilità lill-Istati Membri fit-tfassil tal-interventi li jeħtieġ jiġu pprovduti fil-Pjanijiet Strateġiċi tagħhom tal-PAK.

(2) L-Artikolu 128 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi li għandu jiġi stabbilit qafas ta' prestazzjoni li jippermetti r-rapportar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

(3) Bħala parti mill-qafas ta' prestazzjoni, skont l-Artikolu 140 tar-Regolament (UE) 2021/2115 l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom matul l-implimentazzjoni u *ex post* u jfasslu pjan ta' evalwazzjoni. Għal dak il-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar il-valutazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar il-kontenut tal-pjanijiet ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ tekniku għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti.

(4) Skont l-Artikolu 124(3)(d) u 124(4)(c) tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jeżamina l-progress li jkun sar fit-twettiq tal-evalwazzjonijiet, is-sinteżi tal-evalwazzjonijiet u kwalunkwe segwitu mogħti lis-sejbiet kif ukoll għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-pjan ta' evalwazzjoni u l-emendi tiegħu. Huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-Istati Membri jikkondividu l-informazzjoni dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tal-evalwazzjoni, inkluż ir-riżultati tal-eżami tal-kumitat ta' monitoraġġ, mal-Kummissjoni, peress li l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 141 ta' dak ir-Regolament.

(5) Skont l-Artikolu 131 u l-Artikolu 140(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tad-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Għal dak il-għan jeħtieġ li jiġu stabbiliti xi regoli komuni.

(6) Skont l-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni disponibbli meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK. B'mod partikolari, din l-informazzjoni se tippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni ta' standards ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin tal-art (standards KAAT) kif stabbilit fl-Anness III ta' dak ir-Regolament, ta' interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, ta' dak ir-Regolament, u l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1.

(GAL) u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (15), ta' dak ir-Regolament. Se tippermetti wkoll lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Għad-*data* dwar il-gruppi operazzjonali tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola (EIP) imsemmija fl-Artikolu 127(3) ta' dak ir-Regolament, l-informazzjoni miġbura se ttejjeb in-networking bejn il-promoturi tal-proġetti u t-tixrid tas-sejbiet. Għal dak il-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2290 ([2]) jistabbilixxi regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultat stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115. Jenħtieġ li dawn ir-regoli jitqiesu għar-rapportar tad-*data* diżaggregata skont l-intervent imsemmi f'dan ir-Regolament.

(8) Peress li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni sabiex jiżviluppaw l-għodod xierqa tal-IT u jistabbilixxu s-sistemi għall-ġbir tad-*data* qabel ma tibda l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fl-1 ta' Jannar 2023, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Agrikola Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

EVALWAZZJONI TAL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK

Artikolu 1

Valutazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni

1. Meta jevalwaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu mistoqsijiet ta' evalwazzjoni u fatturi ta' suċċess biex jivvalutaw il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 140(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2. Meta jivvalutaw l-effettività tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw l-elementi ewlenin ta' evalwazzjoni stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-loġika ta' intervent tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u, fejn rilevanti għall-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, il-fatturi ta' suċċess rakkomandati stabbiliti f'dak l-Anness.

3. Meta jivvalutaw l-effiċjenza tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri għandhom janalizzaw jekk l-effetti jew il-benefiċċji tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ntlaħqux bi spiża raġonevoli u għandhom jivvalutaw is-simplifikazzjoni kemm għall-benefiċjarji kif ukoll għall-amministrazzjoni, b'enfasi speċjali fuq l-ispejjeż amministrattivi u fuq l-użu ta' għodod diġitali u satelliti.

Artikolu 2

Evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK matul il-perjodu ta' implimentazzjoni

L-Istati Membri għandhom iwettqu l-evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom msemmija fl-Artikolu 140(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 matul il-perjodu ta' implimentazzjoni kif ġej:

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2290 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar il-metodi għall-kalkolu tal-indikaturi komuni tal-output u tar-riżultat stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 486).

(a) l-Istati Membri għandhom jippjanaw l-evalwazzjonijiet tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jkunu indirizzati fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, f'konformità mal-loġika ta' intervent tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, permezz ta' evalwazzjonijiet oġġettivi jew komprensivi li jkopru diversi objettivi, jew jipprovdu ġustifikazzjoni tar-raġuni għaliex objettiv speċifiku ma jkunx ġie evalwat matul il-perjodu ta' implimentazzjoni;

(b) l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom billi jużaw il-kriterji ta' evalwazzjoni rilevanti u jivvalutaw l-impatti tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom filwaqt li jqisu l-kamp ta' applikazzjoni, it-tip u l-adozzjoni tal-interventi tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

(c) fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-interventi, b'mod partikolari għal dawk l-interventi mhux implimentati fil-livell nazzjonali, iżda fil-livell reġjonali jew lokali;

(d) fejn rilevanti, abbażi tal-ħtiġijiet ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri u b'kont meħud tal-loġika u l-implimentazzjoni tal-intervent tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw ukoll l-interventi jew is-suġġetti speċifiċi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, bħall-arkitettura ambjentali u klimatika msemmija fl-Artikolu 109(2)(a) tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-valur miżjud ta' LEADER kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (15), ta' dak ir-Regolament, in-networks tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 126 ta' dak ir-Regolament jew is-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) definita fl-Artikolu 3, il-punt (9), ta' dak ir-Regolament;

(e) L-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjonijiet fil-ħin biex ikunu jistgħu jħejju l-perjodu sussegwenti tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jużaw ukoll *data* tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Artikolu 3

Evalwazzjonijiet *ex post* tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

1. L-evalwazzjonijiet *ex post* imsemmija fl-Artikolu 140(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 għandu jkun fihom valutazzjoni komprensiva tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u tal-implimentazzjoni tagħhom.

2. L-evalwazzjonijiet *ex post* għandhom jinkludu l-valutazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u tal-implimentazzjoni tagħhom abbażi ta' kull wieħed mill-kriterji ta' evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni u l-impatt imsemmi fl-Artikolu 140(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tal-kontribut tal-Pjan Strateġiku tal-PAK għall-ilħuq tal-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament u dawk l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) ta' dak ir-Regolament li jkunu indirizzati mill-Pjan Strateġiku tal-PAK.

3. Wara li jlestu l-evalwazzjoni *ex post*, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw is-sejbiet tal-evalwazzjoni lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Pjan ta' evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 140(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115 f'konformità mal-loġika ta' intervent tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Il-pjan ta' evalwazzjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw fil-pjan ta' evalwazzjoni l-partijiet ikkonċernati rilevanti li għandhom jitqiesu meta jiġu ppjanati l-evalwazzjoni u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw partijiet ikkonċernati għajr il-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ.

Artikolu 5

Rapportar tal-attivitajiet u s-sejbiet tal-evalwazzjoni

L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar l-attivitajiet u s-sejbiet tal-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 124(3)(d) u 124(4)(c) tar-Regolament (UE) 2021/2115 mal-Kummissjoni wara l-eżami mill-kumitat ta' monitoraġġ, inkluż ir-riżultat ta' dak l-eżami, mhux aktar tard minn xahar qabel il-laqgħa ta' rieżami annwali msemmija fl-Artikolu 136 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-kontribut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

1. L-evalwazzjonijiet tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom ikunu bbażati fuq l-indikaturi komuni rilevanti tal-output, tar-riżultat, tal-impatt u tal-kuntest stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-Istati Membri għandhom janalizzaw l-effetti tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fuq l-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) ta' dak ir-Regolament.

2. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw indikaturi speċifiċi fl-evalwazzjonijiet tagħhom differenti minn dawk stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew kwalunkwe informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva rilevanti oħra biex ifasslu konklużjonijiet rilevanti dwar l-impatt tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

3. Fejn l-indikaturi komuni tar-riżultat jiġu espressi f'termini ta' sehem jew għadd ta' unitajiet rilevanti soġġetti għal ċerti interventi, l-Istati Membri għandhom jistmaw l-eżiti tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK bl-użu tal-effetti potenzjali ta' dawn l-interventi.

4. Meta jivvalutaw intervent li ma jkunx marbut ma' xi indikatur tar-riżultat b'mod konformi mal-Artikolu 111, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jipprovdu valutazzjoni tajba ta' dan l-intervent ibbażata fuq informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultati tal-intervent u l-effetti tiegħu fir-rigward tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) ta' dak ir-Regolament.

5. L-Istati Membri għandhom jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom tal-kontribut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fuq l-iżvilupp tal-indikaturi tal-impatt stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw il-kontribut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għal dawn l-iżviluppi għal mill-inqas l-indikaturi tal-impatt komuni stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

***Data* u appoġġ tekniku għall-evalwazzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw id-disponibbiltà tad-*data* għall-evalwaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa mal-unitajiet statistiċi nazzjonali u, fejn rilevanti, reġjonali, maċ-ċentri ta' riċerka, mal-impriżi u mal-fornituri tad-*data* biex jiżguraw id-disponibbiltà tad-*data*. Tali arranġamenti għandhom iqisu l-kamp ta' applikazzjoni territorjali rilevanti għall-evalwazzjonijiet u jinkludu l-użu statistiku ta' *data* minn reġistri amministrattivi msemmija fl-Artikolu 143(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-ħtiġijiet għall-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati u tal-amministrazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż l-GAL imsemmija fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), filwaqt li jqisu l-kapaċità diversa tal-istituzzjonijiet u tal-partijiet ikkonċernati f'termini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

4. Abbażi tal-ħtiġijiet identifikati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu attivitajiet ta' appoġġ, inkluż taħriġ, linji gwida u kwalunkwe attività rilevanti oħra ta' bini tal-kapaċità, li għandhom jiġu implimentati min-network(s) nazzjonali tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jew f'kollaborazzjoni magħhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' ħidma annwali mal-awtoritajiet, mal-evalwaturi u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn kompetenti tal-Istati Membri, abbażi tal-ħtiġijiet tagħhom għall-appoġġ, li għandu jiġi implimentat min-network Ewropew għall-PAK imsemmi fl-Artikolu 126(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, jew f'kollaborazzjoni miegħu.

TITOLU II

DATA GĦAT-TWETTIQ TAL-MONITORAĠĠ U TAL-EVALWAZZJONI TAL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK

Artikolu 8

Kamp ta' applikazzjoni tad-*data* li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri

F'konformità mal-Artikoli 9 sa 18, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja, meħtieġa biex din tkun tista' twettaq il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK:

(a) *data* diżaggregata dwar l-interventi u l-benefiċjarji;

(b) il-proporzjon ta' bwar permanenti stabbilit kull sena skont l-Artikolu 48(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 ([4]);

(c) *data* dwar l-interventi f'ċerti setturi, imsemmija fit-Titolu III, Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(d) *data* dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(e) *data* dwar l-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Artikolu 9

***Data* diżaggregata dwar l-interventi**

1. Id-*data* diżaggregata dwar l-interventi msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament għandha tkopri l-interventi kollha fil-forma ta' pagamenti diretti msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu II, tar-Regolament (UE) 2021/2115, inkluż il-pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton imsemmi f'dak il-Kapitolu, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 2, u l-interventi kollha għall-iżvilupp rurali msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu IV, ta' dak ir-Regolament, eskluż l-interventi għal LEADER imsemmija fl-Artikolu 8, il-punt (e), ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* diżaggregata msemmija fl-ewwel paragrafu għal kull sena finanzjarja agrikola skont l-ammont ta' unità, għal kull applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-ħlas ta' kull benefiċjarju. It-tranżazzjonijiet kollha mwettqa matul is-sena finanzjarja agrikola għandhom jingħabru fil-qosor.

3. Regoli dettaljati dwar il-kontenut ta' *data* diżaggregata dwar l-interventi huma stabbiliti fl-Anness IV, punti 1, 2 u 3.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/126 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti addizzjonali għal ċerti tipi ta' intervent speċifikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom għall-perjodu mill-2023 sal-2027 skont dak ir-Regolament kif ukoll regoli dwar il-proporzjon għall-istandard 1 tal-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT) (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 52).

Artikolu 10

Data diżaggregata dwar il-benefiċjarji

1. Id-*data* diżaggregata dwar il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi informazzjoni dwar il-bdiewa fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2021/2115 u l-benefiċjarji skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (13), ta' dak ir-Regolament li jirċievu appoġġ taħt interventi koperti mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll imsemmija fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([5]) (is-"sistema integrata").

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* diżaggregata dwar il-benefiċjarji għal kull sena finanzjarja agrikola.

3. Regoli dettaljati dwar il-kontenut ta' *data* diżaggregata dwar il-benefiċjarji huma stabbiliti fl-Anness IV, il-punt 4.

Artikolu 11

Proporzjon ta' bwar permanenti

Il-proporzjon ta' bwar permanenti msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (b), ta' dan ir-Regolament għandu jiġi nnotifikat fil-livell stabbilit mill-Istati Membri skont l-Artikolu 48(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2022/126.

Artikolu 12

Data dwar l-interventi f'ċerti setturi

1. Id-*data* dwar l-interventi f'ċerti setturi msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (c), ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi *data* dwar l-interventi fis-setturi elenkati fl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2. Ir-regoli dettaljati dwar il-kontenut tad-*data* dwar l-interventi f'dawk is-setturi huma stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 13

Data dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP

1. Id-*data* dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 8, il-punt (d), ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi informazzjoni dwar proġetti ta' gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2. Ir-regoli dettaljati dwar il-kontenut tad-*data* dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP huma stabbiliti fl-Anness VI.

Artikolu 14

Data dwar il-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER

1. Id-*data* dwar il-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER imsemmija fl-Artikolu 8, il-punt (e), ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi informazzjoni dwar l-interventi implimentati abbażi tal-Artikolu 77(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

2. Ir-regoli dettaljati dwar il-kontenut tad-*data* dwar il-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER huma stabbiliti fl-Anness VII.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

Artikolu 15

Data u frekwenza tat-trażmissjoni tad-_data_

1. Mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* diżaggregata dwar l-interventi u l-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (a), kull sena sat-30 ta' April tas-sena N fir-rigward tal-interventi li għalihom ikunu saru pagamenti fis-sena finanzjarja agrikola N-1.

Fl-2024, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw id-*data* diżaggregata dwar l-interventi fir-rigward tal-interventi mħallsa fis-sena finanzjarja agrikola 2023 sat-30 ta' Novembru 2024. Jekk l-Istati membri ma jirrapportawx id-*data* diżaggregata dwar interventi fl-2024, għandhom jirrapportawhom fl-2025 b'mod konformi mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, id-*data* dwar il-benefiċjarji relatata maż-żona ddikjarata u mal-art f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin għandha tiġi rrapportata, fis-sena N, fir-rigward ta' interventi li għalihom ikunu ntalbu pagamenti fis-sena kalendarja N-2.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena l-proporzjon ta' bwar permanenti msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (b), sal-15 ta' Marzu tas-sena N fir-rigward taż-żona ddikjarata fis-sena kalendarja N-1. L-ewwel sena ta' rapportar għandha tkun l-2024.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena d-*data* dwar l-interventi f'ċerti setturi msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (c), sa:

(a) il-15 ta' Ġunju tas-sena N fir-rigward tad-*data* tas-sena kalendarja N-1 imsemmija fil-punti 1, 2(a) u (c), u 3 sa 7 tal-Anness V;

(b) il-31 ta' Jannar tas-sena N fir-rigward tad-*data* tas-sena kalendarja N imsemmija fil-punt 2(b) tal-Anness V;

(c) il-15 ta' Ġunju tas-sena N fir-rigward tad-*data* tas-sena finanzjarja N-1 imsemmija fil-punti 8 sa 10 tal-Anness V.

L-ewwel sena ta' rapportar għandha tkun l-2023 għad-*data* msemmija fil-punt 1 u 2(b) tal-Anness V, l-2024 għad-*data* msemmija fil-punti 2(a) u (c), u 3 sa 7 ta' dak l-Anness u l-2025 għad-*data* msemmija fil-punti 8 sa 10 ta' dak l-Anness.

B'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, għas-settur tal-apikultura, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sentejn id-*data* msemmija fil-punti 5 u 6 tal-Anness V;

(b) id-*data* msemmija fil-punt 5 tal-Anness V għandha tkopri s-sena kalendarja ta' qabel is-sena ta' rapportar;

(c) id-*data* msemmija fil-punt 6 tal-Anness V għandha tkopri s-sentejn kalendarji ta' qabel is-sena ta' rapportar;

(d) l-ewwel sena ta' rapportar għandha tkun l-2023 għad-*data* msemmija fil-punti 4, 5 u 6 tal-Anness V u l-2024 għall-punt 9 ta' dak l-Anness. Fl-2023, id-*data* msemmija fil-punti 5 u 6 tal-Anness V tista' tiġi rrapportata sal-15 ta' Settembru.

4. L-Istati Membri għandhom jibdew jirrapportaw id-*data* dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP imsemmija fl-Artikolu 8, il-punt (d), hekk kif jiġi approvat il-proġett tal-grupp operazzjonali, mill-2023.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* dwar il-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER imsemmija fl-Artikolu 8, il-punt (e), kif ġej:

(a) sat-30 ta' April 2026 fir-rigward tal-operazzjonijiet imħallsa fis-snin finanzjarji mill-2023 sal-2025, b'mod kumulattiv; u

(b) sat-30 ta' April 2030 fir-rigward tal-operazzjonijiet imħallsa fis-snin finanzjarji mill-2023 sal-2029, b'mod kumulattiv.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, id-*data* relatata mal-varjabbli tal-GAL stabbiliti fl-Anness VII, punt 1, għandha tiġi rrapportata sat-30 ta' April tas-sena N għall-GAL magħżula sal-31 ta' Diċembru tas-sena N-1.

Artikolu 16

Trasferiment tad-*data*

1. Id-*data* msemmija fl-Artikolu 8, il-punti (a), (b), (d) u (e), għandha tiġi ttrasferita lill-Kummissjoni permezz tas-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni msejħa "SFC2021", li għaliha r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 ([6]).

Id-*data* msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (c), għandha tiġi ttrasferita lill-Kummissjoni permezz tas-sistema bbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([7]).

2. Għad-*data* diżaggregata dwar l-interventi u l-benefiċjarji li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, l-aġenzija tal-pagamenti msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/2116 jew, fejn aktar minn aġenzija tal-pagamenti waħda tkun akkreditata fi Stat Membru, il-korp ta' koordinazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, għandu jittrasferixxi d-*data* lill-Kummissjoni.

3. Għall-proporzjon fuq il-bwar permanenti, id-*data* li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8, il-punt (b) għandha tiġi ttrasferita mill-aġenzija tal-pagamenti jew mill-korp ta' koordinazzjoni.

4. Għad-*data* dwar l-interventi f'ċerti setturi li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8, il-punt (c), id-*data* dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8, il-punt (d), u d-*data* dwar il-GAL u l-attivitajiet tagħhom għal LEADER li għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8, il-punt (e), id-*data* tista' tiġi ttrasferita mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe entità(jiet) awtorizzata/i mill-Istati Membri.

Artikolu 17

***Data* kompluta kif xieraq**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tkun kompluta u awtokonsistenti, kif ukoll li l-kontenut tagħha jiġi rreġistrat u ppreżentat f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi IV sa VII. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli bbażati fuq il-kompjuter.

Artikolu 18

Kontrolli tad-*data* u korrezzjoni tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-korrezzjonijiet tal-iżbalji klerikali jew ovvji jew tal-iżbalji ta' natura purament editorjali tad-*data* msemmija fl-Artikolu 8.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni f'każ ta' sottomissjoni ta' *data* żbaljata jew f'każ li tinqala' problema bit-trasferiment tad-*data*, u jikkoreġu d-*data*.

3. Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli bil-għan li tivverifika jekk l-Istati Membri pprovdewx *data* kompluta u awtokonsistenti kif xieraq. Fil-każ ta' sottomissjoni ta' *data* żbaljata, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jikkoreġu d-*data* pprovduta.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar is-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 463).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).

Artikolu 19

Użu tad-*data*

Il-Kummissjoni ma għandhiex tiżvela jew tuża d-*data* personali miksuba skont dan ir-Regolament għal finijiet oħrajn għajr biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha fil-kuntest tal-qafas ta' prestazzjoni skont it-Titolu VII, il-Kapitolu I, tar-Regolament (UE) 2021/2115, u biex timmonitorja u tevalwa l-PAK skont l-Artikolu 143 ta' dak ir-Regolament.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

l-Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

ELEMENTI EWLENIN TA' EVALWAZZJONI U FATTURI TA' SUĊĊESS RAKKOMANDATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(2)

Objettiv	Elementi ewlenin li għandhom jiġu vvalutati	Fatturi ta' suċċess rakkomandati
Li jingħata appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli u r-reżiljenza tas-settur agrikolu fl-Unjoni kollha biex jittejbu s-sigurtà tal-ikel u d-diversità agrikola fit-tul kif ukoll biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni	L-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli Introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli jfisser mhux biss introjtu stabbli iżda wkoll introjtu mqassam b'mod ġust.	Il-livell ta' introjtu agrikolu fl-azjendi agrikoli appoġġati qed jiżdied jew, tal-anqas, huwa stabbli u d-disparitajiet bejn l-azjendi agrikoli u setturi ekonomiċi oħra qed jonqsu, meta jitqiesu x-xejriet ġenerali tal-ekonomija.
	Ir-reżiljenza Ir-reżiljenza tinkludi l-appoġġ lill-bdiewa li qed jiffaċċjaw riskji potenzjali u limitazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jġiegħluhom iwaqqfu l-attività agrikola.	L-appoġġ għall-introjtu jitqassam lill-bdiewa l-aktar fil-bżonn.
Li tissaħħaħ l-orjentazzjoni lejn is-suq u tiżdied il-kompetittività tal-azjendi agrikoli kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul, inkluż permezz ta' aktar enfasi fuq ir-riċerka, it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni	L-orjentazzjoni msaħħa lejn is-suq Abbażi tal-bilanċ tal-kummerċ agroalimentari (importazzjoni-esportazzjoni).	Il-kummerċ agroalimentari qed jiżdied.
	Il-kompetittività tal-azjendi agrikoli Abbażi taż-żieda fil-kapital, fix-xogħol u fil-produttività tal-art permezz tal-innovazzjoni.	Il-produttività fl-azjendi agrikoli appoġġati qed tiżdied.
Li tittejjeb il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur	Il-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina alimentari L-integrazzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u l-parteċipazzjoni fi skemi ta' kwalità u fil-produzzjoni organika biex jiżdied il-valur miżjud.	Is-sehem tal-produzzjoni kummerċjalizzata skont l-iskemi tal-kwalità u l-produzzjoni organika qed jiżdied. Is-sehem tal-produzzjoni kummerċjalizzata mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) u forom oħra ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa appoġġati qed jiżdied. Il-valur miżjud gross għall-bdiewa f'OP u f'forom oħra ta' organizzazzjonijiet tal-bdiewa jew li jipparteċipaw fi skemi tal-kwalità u fil-produzzjoni organika qed jiżdied.
Li jingħata kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għalih, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jissaħħaħ is-sekwestru tal-karbonju, kif ukoll għall-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli	Il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima Abbażi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) u s-sekwestru tal-karbonju.	L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-agrikoltura qed jonqsu. Is-sekwestru tal-karbonju organiku fil-ħamrija qed jiżdied jew jinżamm. Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli qed tiżdied.
	L-adattament għat-tibdil fil-klima Abbażi tar-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima.	Ir-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima qed tiżdied.
Li jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, inkluż billi titnaqqas id-dipendenza fuq sustanzi kimiċi	Il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali Abbażi tal-preservazzjoni jew it-tisħiħ tal-kwalità u tal-kwantità tar-riżorsi naturali billi jitnaqqsu s-sustanzi niġġiesa u l-isfruttament.	L-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-agrikoltura, it-tnixxija tan-nutrijenti u l-erożjoni tal-ħamrija qed jonqsu. Il-bilanċ tan-nutrijenti fuq l-art agrikola qed jitjieb, biex b'hekk jitnaqqas it-telf ta' nutrijenti.

Objettiv	Elementi ewlenin li għandhom jiġu vvalutati	Fatturi ta' suċċess rakkomandati
		Il-pressjoni fuq il-ġibjuni tal-ilma naturali qed tonqos. L-użu u r-riskju ta' pestiċidi kimiċi u l-użu ta' pestiċidi aktar perikoluži qed jonqsu.
Li jingħata kontribut għall-waqfien u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità, jissaħħu s-servizzi tal-ekosistema u jiġu ppreservati l-ħabitats u l-pajsaġġi	It-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità Abbaži tal-bijodiversità u l-ħabitats fl-art agrikola jew f'żoni oħra affettwati minn prattiki agrikoli jew tal-forestrija.	Il-bijodiversità relatata mal-art agrikola qed titjieb jew, tal-anqas, it-telf tal-bijodiversità waqaf. Il-bijodiversità fiż-żoni ta' Natura 2000 affettwati mill-agrikoltura jew mill-forestrija qed titjieb jew, tal-anqas, it-telf tal-bijodiversità waqaf. L-agrobijodiversità qed tiżdied.
	Is-servizzi tal-ekosistema Abbaži tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ li jikkontribwixxu għas-servizzi tal-ekosistema billi jospitaw speċijiet rilevanti (eż. permezz tad-dakkir, il-kontroll tal-pesti), permezz ta' proċessi bijofiżiċi (eż. permezz tal-kontroll tal-erożjoni, iż-żamma tal-kwalità tal-ilma), jew permezz ta' valuri kulturali (eż. il-valur estetiku).	Ix-xejriet tad-dakkara qed jitjiebu, jew, tal-anqas, huma stabbli. Iż-żona koperta mill-karatteristiċi tal-pajsaġġ fl-art agrikola qed tiżdied jew tinżamm.
Li jiġu attirati u jingħata appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ u lil bdiewa ġodda oħrajn u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' negozju sostenibbli fiż-żoni rurali	It-tiġdid tal-bdiewa Abbaži tal-appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u ta' bdiewa ġodda u tal-kontinwità.	L-għadd ta' bdiewa żgħażagħ u ġodda qed jiżdied.
	L-iżvilupp tan-negozju Abbaži tal-appoġġ għall-bidu ta' negozji rurali ġodda u għad-diversifikazzjoni tal-azjendi agrikoli	L-għadd ta' negozji rurali qed jiżdied.
Li jiġu promossi l-impjiegi, it-tkabbir, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali, inkluża l-bijoekonomija ċirkolari u l-forestrija sostenibbli	L-ekonomija rurali sostenibbli Abbaži tat-tkabbir ekonomiku u l-promozzjoni tal-impjiegi.	L-ekonomija taż-żoni rurali qed tikber jew, tal-anqas, hija stabbli u d-distakk urban-rurali qed jonqos. Ir-rata ta' impjieg fiż-żoni rurali qed titjieb. In-negozju relatat mal-bijoekonomija qed jiżdied. Il-forestrija sostenibbli qed tiżdied.
	L-iżvilupp lokali Il-forniment ta' servizzi u infrastruttura lokali.	Is-servizzi u l-infrastrutturi lokali qed jitjiebu.
	L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja u fl-ekonomija, l-ekwità tal-introjtu u t-tnaqqis tal-faqar.	L-impjieg u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-biedja qed jitjiebu. L-appoġġ tal-Pjan Strateġiku tal-PAK huwa mqassam b'mod aktar ġust. Il-faqar rurali qed jonqos.

Objettiv	Elementi ewlenin li għandhom jiġu vvalutati	Fatturi ta' suċċess rakkomandati
Li jittejjeb ir-rispons tal-agrikoltura tal-Unjoni għad-domanda tas-soċjetà dwar l-ikel u s-saħħa, inkluż ikel ta' kwalità tajba, sikur u sustanzjuż prodott b'mod sostenibbli, it-tnaqqis tal-ħela tal-ikel, kif ukoll li jittejjeb it-trattament xieraq tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi	Ikel ta' kwalità u sikur Abbażi tat-trawwim ta' skemi tal-kwalità, il-promozzjoni tal-benesseri tal-annimali u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi.	Il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata skont l-iskemi tal-kwalità qed jiżdied. Il-benesseri tal-annimali qed jitjieb u l-użu tal-antimikrobiċi qed jonqos.
Li jiġi mmodernizzat is-settur bit-trawwim u l-kondiviżjoni tal-għarfien, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, u bl-inkoraġġiment tal-użu tagħhom mill-bdiewa, permezz ta' aċċess imtejjeb għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iskambju tal-għarfien u t-taħriġ	Is-sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) u l-istrateġija diġitali Abbażi tal-appoġġ għall-azzjonijiet strateġiċi tal-AKIS, l-interventi relatati mal-AKIS, u l-istrateġija diġitali u l-impatt tagħhom fuq l-adozzjoni tal-innovazzjoni mill-bdiewa.	Għadd dejjem akbar ta' bdiewa qed jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ u/jew jagħmlu użu mill-pariri dwar l-azjendi agrikoli. Il-bdiewa jibdlu l-prattiki tal-biedja wara li jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ u/jew jagħmlu użu mill-pariri dwar l-azjendi agrikoli. Għadd dejjem akbar ta' bdiewa qed jingħataw appoġġ għat-teknoloġija tal-biedja diġitali permezz tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. In-nefqa tal-Pjan Strateġiku tal-PAK li tappoġġa l-ħolqien tal-innovazzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien qed tiżdied.

ANNESS II

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-ISTRUTTURA U L-KONTENUT TAL-PJAN TA' EVALWAZZJONI MSEMMI FL-ARTIKOLU 4(1)

1. Objettivi u ħtiġijiet

   Dikjarazzjoni tal-objettivi tal-pjan ta' evalwazzjoni u l-ħtiġijiet relatati mal-evalwazzjoni, immirati biex jiżguraw li jitwettqu attivitajiet ta' evalwazzjoni suffiċjenti u xierqa, b'mod partikolari biex jipprovdu informazzjoni meħtieġa għat-tmexxija tal-programm, biex jinformaw il-perjodu tal-programm ta' politika li jmiss, u biex jiġi żgurat li d-*data* meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK tkun disponibbli.

2. Governanza u koordinazzjoni

   Deskrizzjoni qasira tal-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għall-Pjan Strateġiku tal-PAK, li tidentifika l-korpi ewlenin involuti u r-responsabbiltajiet tagħhom.

3. Immappjar tal-partijiet ikkonċernati

   Deskrizzjoni fil-qosor tal-partijiet ikkonċernati relevanti msemmija fl-Artikolu 4(2) u l-bżonnijiet tagħhom relatati ma' attivitajiet ta' evalwazzjoni u, fejn relevanti, il-bini tal-kapaċitajiet.

4. Kronoloġija

   L-ippjanar indikattiv tal-evalwazzjonijiet u l-istudji ta' appoġġ għall-evalwazzjoni li għandhom jitwettqu matul iċ-ċiklu ta' programmazzjoni, kif ukoll ir-raġunament għall-għażliet magħmula, inkluż:

   (a) l-evalwazzjonijiet biex tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għall-objettivi tal-PAK, li għandhom jitwettqu matul l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;

   (b) fejn rilevanti, l-evalwazzjonijiet biex jiġu vvalutati suġġetti speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (e);

   (c) l-istudji ta' appoġġ u attivitajiet oħra ta' riċerka u ta' analiżi għall-evalwazzjonijiet.

5. *Data* u informazzjoni

   Deskrizzjoni fil-qosor tal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 7(2) biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, inkluż l-identifikazzjoni tas-sorsi tad-*data* ewlenin li għandhom jintużaw, l-arranġamenti istituzzjonali għall-forniment tad-*data* u l-arranġamenti għall-kontroll tal-kwalità tad-*data*. Jenħtieġ li din it-taqsima tinkludi wkoll l-identifikazzjoni ta' lakuni fid-*data* u l-azzjonijiet biex dawn jiġu indirizzati, inkluż li jkun hemm sistemi tad-*data* operattivi maż-żmien.

6. Komunikazzjoni u segwitu

   Deskrizzjoni ta' kif is-sejbiet mill-evalwazzjoni se jiġu ddisseminati lir-riċevituri fil-mira, inkluż deskrizzjoni tal-mekkaniżmi stabbiliti għas-segwitu u għall-użu tar-riżultati tal-evalwazzjoni.

7. Riżorsi, appoġġ tekniku u bini tal-kapaċità

   Deskrizzjoni tar-riżorsi meħtieġa u previsti biex jiġi implimentat il-pjan ta' evalwazzjoni, inkluż indikazzjoni tal-kapaċità amministrattiva, tad-*data*, tar-riżorsi finanzjarji u tal-ħtiġijiet tal-IT.

   Deskrizzjoni tal-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-programm imsemmi fl-Artikolu 7(3) u (4), inkluż l-appoġġ tekniku u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità mwettqa biex jiġi żgurat li l-pjan ta' evalwazzjoni jkun jista' jiġi implimentat bis-sħiħ u l-appoġġ ippjanat lill-GAL għall-evalwazzjoni tal-istrateġiji ta' Żvilupp Lokali.

ANNESS III

L-INDIKATURI TAL-IMPATT IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6(5)

Kodiċi tal-indikatur (1)	L-isem tal-indikatur
I.2	Tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-introjtu: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu meta mqabbel mal-ekonomija ġenerali
I.3	Tnaqqis tal-varjabbiltà tal-introjtu tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu
I.4	Appoġġ għall-introjtu vijabbli tal-azjendi agrikoli: L-evoluzzjoni tal-livell tal-introjtu agrikolu skont it-tip ta' biedja (meta mqabbel mal-medja fl-agrikoltura)
I.5	Kontribut għall-bilanċ territorjali: L-evoluzzjoni tal-introjtu agrikolu f'żoni b'restrizzjonijiet naturali (imqabbel mal-medja)
I.10	Kontribut għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura
I.12	Żieda tal-enerġija sostenibbli fl-agrikoltura: Il-produzzjoni sostenibbli ta' enerġija rinnovabbli mill-agrikoltura u l-forestrija
I.14	Titjib tal-kwalità tal-arja: L-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura
I.15	Titjib tal-kwalità tal-ilma: Il-bilanċ gross tan-nutrijenti fuq l-art agrikola
I.26	PAK iktar ġusta: Id-distribuzzjoni tal-appoġġ mill-PAK

(1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115.

ANNESS IV

REGOLI DWAR *DATA* DIŻAGGREGATA DWAR L-INTERVENTI U L-BENEFIĊJARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 9(3) U 10(3)

Rapportar ta' *data* diżaggregata dwar l-interventi

1. Meta jirrapportaw id-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-interventi msemmija fl-Artikolu 8, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-metodi ta' kalkolu għall-indikaturi tal-output u tar-riżultat stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2290 u dawn li ġejjin:

   (a) il-valur tal-output iġġenerat minn intervent għandu jiġi rrapportat taħt il-varjabbli tal-monitoraġġ rilevanti stabbiliti fil-punt 2 ta' dan l-Anness;

   (b) il-valur tal-output iġġenerat minn intervent għandu jiġi rrapportat ukoll taħt il-varjabbli tar-riżultat, stabbiliti fil-punt 3 ta' dan l-Anness, għall-indikaturi tar-riżultat stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 magħżula mill-Istati Membri fil-Pjan Strateġiku tagħhom tal-PAK ("indikaturi tar-riżultat rilevanti");

   (c) il-valur tal-output li jikkontribwixxi għall-kalkolu tan-numeratur tal-indikaturi tar-riżultat għandu jiġi rrapportat bis-sħiħ mill-ewwel pagament (minbarra l-avvanzi msemmija fl-Artikolu 32(4), il-punt (a), l-Artikolu 32(5) u l-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) 2021/2116).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-lista li ġejja ta' varjabbli tal-monitoraġġ, għal kull intervent għal kull benefiċjarju, f'konformità mad-disinn speċifiku tal-interventi u l-loġika ta' intervent tagħhom:

   (a) il-varjabbli tal-monitoraġġ għar-rapportar ta' informazzjoni amministrattiva (M010 sa M040)

      (i) M010: il-kodiċi tal-aġenzija tal-pagamenti

      Din il-kaxxa tipprovdi l-kodiċi uniku tal-aġenzija tal-pagamenti. Din tikkorrispondi għad-dipartiment jew korp iddedikat ta' Stat Membru responsabbli għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);

      (ii) M020: kodiċi uniku għall-applikazzjoni għall-għajnuna jew għat-talba għal pagament għal intervent

      Din il-kaxxa tipprovdi kodiċi uniku għal kull applikazzjoni għall-għajnuna għall-interventi koperti mis-sistema integrata u t-talba għall-ħlas għall-interventi l-oħra;

      (iii) M030: identifikatur uniku tal-benefiċjarju

      Din il-kaxxa tipprovdi identifikatur uniku tal-benefiċjarju għall-benefiċjarji kollha tal-PAK, li jiġi allokat lil kull applikant fil-livell tal-Istati Membri. L-identifikatur uniku tal-benefiċjarju ma għandu jkun fih l-ebda informazzjoni personali. L-identifikatur jibqa' l-istess matul is-snin;

      (iv) M040: kodiċi tal-baġit

      Din il-kaxxa tipprovdi l-ewwel 25 ċifra tal-kodiċi tal-baġit, li jinkludi n-nomenklatura tal-baġit, it-tip ta' intervent, is-settur u s-sottosettur, l-indikatur tal-output, l-intervent, l-ammont ta' unità, it-tnaqqis tar-rata tal-ħlas jew tal-kontribuzzjoni, u s-sena kalendarja;

   (b) il-varjabbli tal-monitoraġġ għar-rapportar tal-ammonti minfuqa (M050 sa M070)

      (i) M050: ammont totali mħallas (fondi tal-UE)

      Din il-kaxxa tipprovdi l-ammont totali ta' appoġġ mill-FAEG jew mill-FAEŻR imħallas f'euro għat-talba, skont l-ammont ta' unità;

      (ii) M060: total tan-nefqa pubblika

      Din il-kaxxa tipprovdi l-ammont totali ta' appoġġ pubbliku mħallas f'euro għat-talba, skont l-ammont ta' unità inkluż il-kontribuzzjoni nazzjonali u esklużi l-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115 ("finanzjament nazzjonali addizzjonali");

(iii) M070: total tal-finanzjament nazzjonali addizzjonali

Din il-kaxxa tipprovdi l-ammont totali ta' finanzjament nazzjonali addizzjonali mħallas f'euro għat-talba;

L-ammonti li jkunu nftefqu msemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) għandhom jiġu rrapportati f'euro qabel l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u l-penali;

(c) il-varjabbli tal-monitoraġġ għar-rapportar taż-żona eliġibbli u ddeterminata (M080 sa M095)

(i) M080: l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli ddeterminati qabel l-applikazzjoni tal-limiti, minbarra l-forestrija

Din il-kaxxa tipprovdi ż-żona eliġibbli (minbarra l-forestrija) sħiħa ddeterminata wara l-kontrolli u qabel l-applikazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament jew tal-limiti massimi;

(ii) M085: l-għadd ta' ettari ta' żona tal-forestrija eliġibbli ddeterminati qabel l-applikazzjoni tal-limiti

Din il-kaxxa tipprovdi ż-żona eliġibbli tal-forestrija sħiħa ddeterminata wara l-kontrolli u qabel l-applikazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament jew tal-limiti massimi;

(iii) M090: l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli minbarra l-forestrija

Għall-interventi mħallsa f'ettari, din il-kaxxa tipprovdi ż-żona eliġibbli (minbarra l-forestrija) sħiħa ddeterminata wara l-kontrolli u wara l-applikazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament jew tal-limiti massimi.

Għal interventi fuq art imħallsa f'unitajiet oħra għajr ettari, fejn rilevanti, din tipprovdi l-għadd ta' ettari (minbarra l-forestrija) appoġġati mill-interventi;

(iv) M095: l-għadd ta' ettari ta' żona tal-forestrija eliġibbli ddeterminati wara l-applikazzjoni tal-limiti

Din il-kaxxa tipprovdi ż-żona eliġibbli tal-forestrija sħiħa ddeterminata wara l-kontrolli u wara l-applikazzjoni tal-intitolamenti għall-pagament jew tal-limiti massimi.

Għal interventi fuq forestrija mħallsa f'unitajiet oħra għajr ettari, fejn rilevanti, din tipprovdi l-għadd ta' ettari appoġġati mill-interventi;

Il-valuri tal-output imsemmija fil-punti (i) sa (iv) dejjem għandhom jiġu rrapportati bis-sħiħ. Għall-interventi koperti mis-sistema integrata, l-outputs għandhom jiġu rrapportati sħaħ fis-sena N fir-rigward tal-interventi mitluba fis-sena N-2;

(d) il-varjabbli tal-monitoraġġ għar-rapportar tal-unitajiet imħallsa (M100 sa M160)

(i) M100: l-għadd ta' ettari ta' żona eliġibbli mħallsa

Din il-kaxxa tipprovdi ż-żona mħallsa, indipendentement min-natura taż-żona (jiġifieri forestrija jew le);

(ii) M110: l-għadd ta' irjus tal-annimali mħallsa

(iii) M120: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem imħallsa

(iv) M130: l-għadd ta' operazzjonijiet imħallsa

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd ta' operazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2021/2115 appoġġati mill-PAK. Din tkopri l-interventi mħallsa għal kull operazzjoni;

(v) M140: l-għadd ta' azjendi agrikoli appoġġati

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd ta' azjendi agrikoli li jibbenefikaw mill-appoġġ rilevanti tal-PAK, meta jitħallas bħala somma f'daqqa;

(vi) M150: l-għadd ta' fondi mutwi mħallsa

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' fondi mutwi kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (11), tar-Regolament (UE) 2021/2115 koperti mill-appoġġ għall-ġestjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 76 ta' dak ir-Regolament;

(vii) M160: numru ta' unitajiet oħra mħallsa – unità ta' kejl

(viii) M161: l-għadd ta' unitajiet oħra mħallsa – output iġġenerat

Il-kaxxi taħt il-punti (vii) u (viii) jipprovdu informazzjoni dwar l-outputs iġġenerati minn interventi li huma bbażati fuq unitajiet oħra ta' kejl, differenti minn dawk elenkati fil-punti (i) sa (vi). Għal kull unità oħra mħallsa, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw f'żewġ kaxxi separati l-unità ta' kejl (M160) u l-output iġġenerat (M161);

Il-valuri tal-output għall-unitajiet imħallsa wara l-kontrolli u wara l-applikazzjoni tal-limiti massimi msemmija fil-punti (i) sa (viii) għandhom jiġu rrapportati bħala proporzjon tan-nefqa effettivament imħallsa fir-rigward tan-nefqa totali impenjata għal dak l-output fis-sena finanzjarja agrikola kkonċernata. Fis-sena finanzjarja agrikola meta jsir il-pagament finali, il-valur tal-output jikkorrispondi għall-bilanċ;

(e) il-varjabbli tal-monitoraġġ għar-rapportar ta' jekk kundizzjoni hijiex issodisfata (M170 sa M210)

(i) M170: investiment li jirriżulta f'żieda netta ta' żona irrigata

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk l-intervent jikkonċernax investiment li jirriżulta f'żieda netta taż-żona saqwija (inkluż investimenti f'installazzjonijiet jew f'infrastruttura ġodda ta' irrigazzjoni, u l-ħolqien jew l-espansjoni ta' ġibjun) skont l-Artikolu 74(6) u (7) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(ii) M180: investiment li jirriżulta f'titjib tal-installazzjonijiet eżistenti tat-tisqija

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk l-intervent jikkonċernax it-titjib ta' installazzjonijiet eżistenti tat-tisqija jew ta' element tal-infrastruttura tat-tisqija skont l-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(iii) M190: investiment fl-użu tal-ilma reklamat

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk l-intervent jikkonċernax investiment fl-użu ta' ilma reklamat bħala provvista alternattiva tal-ilma skont l-Artikolu 74(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(iv) M200: investiment fil-broadband

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk l-intervent huwiex immirat lejn it-titjib tal-aċċess għall-broadband;

(v) M210: investiment fil-bijometan

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk l-intervent jikkonċernax il-kapaċità ta' produzzjoni installata għall-bijometan.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-kontribut tal-valuri tal-output għan-numeratur tal-indikaturi tar-riżultat rilevanti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115, bl-użu tal-varjabbli tar-riżultat li ġejjin:

(a) il-varjabbli tar-riżultat R001, R002, R003, R004, R005, R009, R010, R012, R013, R014, R015, R016, R017, R018, R019, R020, R021, R022, R023, R024, R025, R026, R027, R028, R029, R030, R031, R032, R033, R034, R035, R036, R037, R038, R039, R040, R041, R042, R043 u R044 li jikkorrispondu rispettivament għall-indikaturi tar-riżultat R.1, R.2, R.3, R4, R.5, R.9, R.10, R.12, R.13, R.14, R.15, R.16, R.17, R.18, R.19, R.20, R.21, R.22, R.23, R.24, R.25, R.26, R.27, R.28, R.29, R.30, R.31, R.32, R.33, R.34, R.35, R.36, R.37, R.38, R.39, R.40, R.41, R.42, R.43 u R.44.

Dawn il-kaxxi jipprovdu l-valur tal-outputs iġġenerati sħaħ permezz ta' operazzjoni għall-kalkolu tal-indikaturi speċifiċi tar-riżultat;

(b) għall-varjabbli tar-riżultat R017, li jikkontribwixxi għall-indikatur tar-riżultat R.17 (Art afforestata), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-diżaggregazzjoni għall-kalkolu tal-indikatur tar-riżultat, kif ġej:

(i) R117: żoni afforestata;

(ii) R217: żona restawrata;

(iii) R317: żona ta' agroforestrija;

(iv) R417: karatteristiċi ta' pajsaġġ bis-siġar imħawla

Il-kaxxi taħt il-punti (i), (ii) u (iii), jipprovdu ż-żona appoġġata filwaqt li din il-kaxxa tipprovdi ż-żona stmata attwalment imħawla b'karatteristiċi ta' pajsaġġ bis-siġar;

(c) għall-varjabbli tar-riżultat R043, li jikkontribwixxi għall-indikatur tar-riżultat R.43 (Limitazzjoni tal-użu tal-antimikrobiċi), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-diżaggregazzjoni għall-kalkolu tal-indikatur tar-riżultat skont l-ispeċi, kif ġej:

(i) R143: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem ħnieżer;

(ii) R243: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem bovini;

(iii) R343: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem tat-tjur;

(iv) R443: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem nagħaġ u mogħoż;

(v) R543: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem oħrajn;

(d) għall-varjabbli tar-riżultat R044, li jikkontribwixxi għall-indikatur tar-riżultat R.44 (Titjib tat-trattament xieraq tal-annimali), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-diżaggregazzjoni għall-kalkolu tal-indikatur tar-riżultat skont l-ispeċi, kif ġej:

(i) R144: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem ħnieżer;

(ii) R244: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem bovini;

(iii) R344: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem tat-tjur;

(iv) R444: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem nagħaġ u mogħoż;

(v) R544: l-għadd ta' unitajiet ta' bhejjem oħrajn.

Ir-rapportar ta' *data* relatata mal-benefiċjarji

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-varjabbli li ġejjin dwar il-benefiċjarji, f'konformità mat-tfassil speċifiku tal-interventi u l-loġika ta' intervent tagħhom:

(a) B010: l-ID unika tal-benefiċjarju

Din il-kaxxa tipprovdi l-istess identifikatur uniku tal-benefiċjarju użat għad-*data* dwar l-interventi fil-varjabbli tal-monitoraġġ M030, imsemmija fil-punt 2(a)(iii) ta' dan l-Anness;

(b) B020: il-ġeneru

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar il-ġeneru tal-benefiċjarju.

F'każ li l-benefiċjarju jkun grupp ta' persuni fiżiċi, persuna ġuridika jew grupp ta' persuni ġuridiċi, għandu jiġi rrapportat il-ġeneru tal-maniġer(s) ewlieni/ewlenin tal-azjenda agrikola. Il-maniġer ewlieni tfisser il-persuna li għandha s-setgħa li tieħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-attivitajiet agrikoli li jitwettqu fl-azjenda agrikola u li tassumi l-benefiċċji u r-riskji finanzjarji relatati ma' dawk l-attivitajiet.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* ta' spjegazzjoni addizzjonali dwar is-sehem ta' responsabbiltajiet maniġerjali eżerċitati skont il-kategorija tal-ġeneru;

(c) B030: bidwi żagħżugħ

Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar jekk il-benefiċjarju huwiex bidwi żagħżugħ, jiġifieri taħt il-limitu tal-età stabbilit mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu din l-informazzjoni għall-benefiċjarji kollha li huma persuni fiżiċi. Għal gruppi ta' persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss għall-benefiċjarji mogħtija appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali skont l-Artikolu 30, l-Artikolu 75(2), il-punt (a), u l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2021/2115);

(d) B040: post ġeografiku – muniċipalità

Din il-kaxxa tipprovdi l-kodiċi tal-Unità Amministrattiva Lokali tal-muniċipalità fejn tinsab il-maġġoranza taż-żona tal-benefiċjarju jew iż-żona kollha kemm hi jew fejn jinsab il-bini ewlieni tal-azjenda;

(e) B050: żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra

Din il-kaxxa tindika jekk l-azjenda tinsabx f'żona b'restrizzjonijiet naturali jew b'restrizzjonijiet speċifiċi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

L-azjenda għandha tiġi kklassifikata bħala li tinsab f'żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra meta ż-żona kollha tal-benefiċjarju jew il-maġġoranza tagħha jew il-bini ewlieni tal-azjenda jkun jinsab f'żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra. Meta benefiċjarju jingħata appoġġ skont l-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament, l-azjenda tiegħu għandha tiġi kklassifikata bħala li tinsab f'żona b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra;

(f) B060: żona vulnerabbli għan-nitrati

Din il-kaxxa tindika jekk l-azjenda tinsabx f'żona vulnerabbli għan-nitrati indikata skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE ([1]). L-azjendi għandhom jiġu kklassifikati bħala li jinsabu f'żona vulnerabbli għan-nitrati meta ż-żona kollha tal-benefiċjarju jew il-biċċa l-kbira tagħha jew il-bini ewlieni tal-azjenda jkunu jinsabu f'żona vulnerabbli għan-nitrati;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

(g) B070: il-karatteristiċi tal-post tal-azjenda agrikola fi pjan ta' ġestjoni ta' baċir tax-xmara

Il-kaxxa tindika jekk l-azjenda tinsabx f'żona inkluża fi pjan ta' ġestjoni ta' baċir tax-xmara msemmi fl-Artikolu 72(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-azjendi jiġu kklassifikati bħala li jinsabu f'żona inkluża fi pjan ta' ġestjoni ta' baċir tax-xmara meta ż-żona kollha tal-benefiċjarju jew il-biċċa l-kbira tagħha jew il-bini ewlieni tal-azjenda jkun jinsab f'żona inkluża fi pjan ta' ġestjoni ta' baċir tax-xmara;

(h) B080: Żona ta' Natura 2000

Il-kaxxa tindika jekk l-azjenda tinsabx f'żona ta' Natura 2000 kif imsemmi fl-Artikolu 72(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-azjendi jiġu kklassifikati bħala li jinsabu fiż-żona ta' Natura 2000 meta ż-żona kollha tal-benefiċjarju jew il-biċċa l-kbira tagħha jew il-bini ewlieni tal-azjenda jkun jinsab f'żona ta' Natura 2000.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* ta' spjegazzjoni addizzjonali dwar is-sehem taż-żona tal-impriża f'żona ta' Natura 2000;

(i) B090: azjenda organika

Il-kaxxa tindika jekk l-azjenda titkabbarx b'mod organiku kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), titkabbarx parzjalment b'mod organiku jew ma titkabbarx b'mod organiku.

L-azjenda għandha tiġi kklassifikata bħala mkabbra b'mod organiku meta ż-żona kollha tal-benefiċjarju jew il-parti l-kbira tagħha (> 50 % taż-żona totali) titkabbar b'mod organiku u parzjalment b'mod organiku meta parti żgħira biss taż-żona tal-benefiċjarju (< 50 % taż-żona totali) titkabbar b'mod organiku;

(j) B100: l-għadd ta' ettari ta' raba' li jinħadem iddikjarat

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' raba' li jinħadem kif definit mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 4(3), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(k) B110: l-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti ddikjarati

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' żona ta' bwar permanenti kif definit mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 4(3), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(l) B120: l-għadd ta' ettari b'għelejjel permanenti ddikjarati

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' żona ta' għelejjel permanenti kif definit mill-Istati Membri fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom skont l-Artikolu 4(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(m) B130: l-għadd ta' ettari ta' żoni oħra eliġibbli għal pagamenti diretti

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari li fuqhom ma ssir l-ebda attività agrikola, iżda li tkun xorta waħda eliġibbli għal pagamenti diretti skont l-Artikolu 4(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(n) B141: KAAT 2 - għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri - bwar permanenti

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' bwar permanenti f'artijiet mistagħdra u f'torbieri soġġetti għall-KAAT 2 kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115;

(o) B142: KAAT 2 - għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri - raba' li jinħadem

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' raba' li jinħadem f'art mistagħdra u f'torbieri li huma soġġetti għall-KAAT 2;

(p) B143: KAAT 2 - għadd ta' ettari ta' artijiet mistagħdra u torbieri - għelejjel permanenti

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari ta' għelejjel permanenti f'art mistagħdra u f'torbieri li huma soġġetti għall-KAAT 2;

(q) B150: KAAT 8 - għadd ta' ettari użati biex jiġi ssodisfat is-sehem minimu ta' raba' li jinħadem iddedikat għal żoni u karatteristiċi mhux produttivi

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' ettari, qabel il-fatturi ta' ponderazzjoni possibbli, użati biex jiġi ssodisfat is-sehem minimu ta' raba' li jinħadem iddedikat għal żoni u karatteristiċi mhux produttivi taħt il-KAAT 8 kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-Istati Membri għandhom jipprovdu diżaggregazzjoni ta' dan il-varjabbli tal-benefiċjarju kif ġej:

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

(i) B151: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' raba' mistrieħ;

(ii) B152: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' ringieli ta' sġajriet, ta' siġar individwali jew ta' grupp ta' siġar, ringieli ta' siġar;

(iii) B153: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' ġmiem madwar l-għelieqi, ta' rqajja' jew ta' biċċiet art ta' lqugħ;

(iv) B154: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' fosos u xmajjar;

(v) B155: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' għadajjar żgħar u ta' artijiet mistagħdra żgħar;

(vi) B156: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' ħitan tas-sejjieħ;

(vii) B157: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' cairns;

(viii) B158: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' art imtarrġa;

(ix) B159: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' karatteristiċi kulturali;

(x) B160: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' żoni u karatteristiċi mhux produttivi oħrajn;

(xi) B161: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' għelejjel tat-titwiq ikkultivati mingħajr l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(xii) B162: KAAT 8 – l-għadd ta' ettari ta' għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu kkultivati mingħajr l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(r) B170: KAAT 9 - l-għadd ta' ettari soġġetti għall-projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd ta' ettari li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq il-konverżjoni jew il-ħrit ta' bwar indikati bħala bwar permanenti ambjentalment sensittivi f'siti ta' Natura 2000 skont il-KAAT 9 kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/2115. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(i) B171: KAAT 9 – l-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti f'siti ta' Natura 2000;

(ii) B172: KAAT 9 – l-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti indikati bħala bwar permanenti ambjentalment sensittivi f'siti ta' Natura 2000 protetti taħt il-KAAT 9 u ddikjarati mill-bdiewa;

(s) B180: l-għadd ta' ettari ta' bwar permanenti indikati bħala ambjentalment sensittivi barra mis-siti ta' Natura 2000, protetti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-KAAT u ddikjarati mill-bdiewa, fejn applikabbli.

ANNESS V

REGOLI DWAR ID-*DATA* DWAR L-INTERVENTI F'ĊERTI SETTURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 12(2)

Informazzjoni amministrattiva u informazzjoni għal kull settur

Għal interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni amministrattiva u informazzjoni għal kull settur permezz tal-formoli li ġejjin:

1. Formola A.1.

   Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-apikultura, is-settur tal-inbid, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, u s-setturi l-oħra msemmija fl-Artikolu 42(a) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115 rispettivament, li għalihom l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena r-referenzi (iperlinks) għal-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata mill-Istati Membri fis-sena kalendarja preċedenti biex jimplimentaw interventi settorjali;

2. Formola A.2.

   Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, u s-setturi l-oħra. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw annwalment l-informazzjoni tas-suq li ġejja:

   (a) lista ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tranżnazzjonali (OPT) u assoċjazzjoni tranżnazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi (ATOP) li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fl-Istati Membri;

   (b) l-ammont tal-fondi operazzjonali approvati maqsuma skont l-organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP), l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi (AOP), l-OPT u l-ATOP diżaggregat kif ġej:

      (i) l-ammont totali;

      (ii) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarju tal-organizzazzjoni;

      (iii) l-ammont tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni;

   (c) l-ammont tal-fond operazzjonali finali maqsum skont l-OPO, l-AOP, l-OPT u l-ATOP, diżaggregat kif ġej:

      (i) l-ammont totali;

      (ii) l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarju tal-organizzazzjoni;

      (iii) l-ammont tal-assistenza finanzjarja mill-Unjoni;

   L-informazzjoni msemmija fil-punt (a) u (c) għandha tiġi rrapportata għas-sena kalendarja preċedenti. L-informazzjoni msemmija fil-punt (b) għandha tiġi rrapportata għas-sena kalendarja attwali;

3. Formola A.3.

   Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-frott u l-ħxejjex, li għalih l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena l-informazzjoni dwar is-suq dwar l-assistenza finanzjarja nazzjonali lill-OP għas-sena kalendarja preċedenti, kif ġej:

   (a) l-ammont effettivament imħallas (f'euro jew f'munita nazzjonali);

   (b) lista tar-reġjuni benefiċjarji;

4. Formola A.4.

   Din il-formola tikkonċerna l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena fis-settur tal-apikultura:

   l-għadd ta' kaxxi tan-naħal lesti għax-xitwa fit-territorju tal-Istati Membri bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru ddeterminat skont metodu affidabbli stabbilit fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK;

5. Formola A.5.

   Din il-formola tikkonċerna informazzjoni oħra dwar is-suq li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sentejn fis-settur tal-apikultura, li tkopri s-sena kalendarja ta' qabel in-notifika tagħha:

   (a) l-għadd ta' dawk li jrabbu n-naħal;

   (b) l-għadd ta' dawk li jrabbu n-naħal li jiġġestixxu aktar minn 150 kaxxa tan-naħal;

(c) l-għadd totali ta' kaxxi tan-naħal ġestiti minn dawk li jrabbu n-naħal li għandhom aktar minn 150 kaxxa tan-naħal;

(d) l-għadd ta' dawk li jrabbu n-naħal organizzati f'assoċjazzjonijiet ta' dawk li jrabbu n-naħal;

(e) il-firxa ta' prezzijiet f'euro għall-għasel magħmul minn ħafna fjuri fis-sit ta' produzzjoni;

(f) il-firxa ta' prezzijiet f'euro għall-għasel magħmul minn ħafna fjuri bl-ingrossa mingħand il-grossista;

(g) l-ispiża medja stmata tal-produzzjoni f'euro (fissa u varjabbli) għal kull kilogramma ta' għasel prodott;

6. Formola A.6.

Din il-formola tikkonċerna informazzjoni oħra dwar is-suq, li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sentejn fis-settur tal-apikultura, għas-sentejn kalendarji ta' qabel in-notifika tagħha:

(a) il-produzzjoni nazzjonali annwali ta' għasel f'kilogrammi;

(b) ir-rendiment medju annwali stmat f'kilogrammi ta' għasel għal kull kaxxa tan-naħal;

7. Formola A.7.

Din il-formola tikkonċerna s-setturi l-oħra, li għalihom l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena l-informazzjoni dwar is-suq li ġejja għas-sena kalendarja preċedenti:

(a) għas-setturi tal-għelejjel: l-erja totali (f'ettari) koperta u/jew il-volum (f'tunnellati) prodott minn OP, AOP, OPT u ATOP;

(b) għas-setturi tal-bhejjem: l-għadd totali ta' annimali u/jew il-volum (f'tunnellati) prodotti minn OP, AOP, OPT u ATOP.

Tagħrif relatat man-nefqa

Għal interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni relatata man-nefqa permezz tal-formoli li ġejjin:

8. Formola B.1.

Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-frott u l-ħxejjex, is-settur tal-ħops, is-settur taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żebbuġ tal-mejda, u s-setturi l-oħra msemmija fl-Artikolu 42, il-punti (a), u (d) sa (f), tar-Regolament (UE) 2021/2115, li għalihom l-Istat Membru għandu jirrapporta kull sena l-informazzjoni li ġejja relatata mas-sena finanzjarja agrikola preċedenti diżaggregata skont is-settur:

(a) in-nefqa (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-OP, l-AOP, l-OPT u l-ATOP, għal kull intervent u għal kull objettiv kif imsemmi fl-Artikolu 46, il-punti (a) sa (k), ta' dak ir-Regolament;

(b) il-kostijiet amministrattivi u tal-persunal (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-OP, tal-AOP, tal-OPT u tal-ATOP;

(c) għall-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni bla ħlas u għal destinazzjonijiet oħra, diżaggregata skont il-prodott:

(i) il-volum annwali totali (f'tunnellati), diżaggregat kif ġej:

(1) distribuzzjoni bla ħlas;

(2) kompostjar;

(3) l-industrija tal-ipproċessar;

(4) destinazzjonijiet oħrajn;

(ii) nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(iii) l-ammont ta' assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(d) l-erja totali (f'ettari) għal kull intervent, diżaggregata kif ġej:

(i) l-investimenti fl-irrigazzjoni li jirriżultaw f'żieda netta taż-żona saqwija;

(ii) it-tħawwil mill-ġdid tal-ġonna tas-siġar tal-frott jew taż-żebbuġ;

(iii) il-ħsad bikri;

(iv) in-nuqqas ta' ħsad;

(v) il-produzzjoni organika;

(vi) il-produzzjoni integrata;

(vii) l-użu mtejjeb u l-ġestjoni tajba tal-ilma;

(viii) il-konservazzjoni mtejba tal-ħamrija;

(ix) il-ħolqien u ż-żamma ta' ħabitats li jiffavorixxu l-bijodiversità;

(e) il-perċentwali għall-miri minimi tal-iffrankar tal-ilma għall-investimenti;

(f) l-għadd ta' proġetti tal-enerġija implimentati;

(g) il-perċentwal u l-volum tal-użu tal-ilma reklamat;

(h) in-numru ta' interventi ta' promozzjoni, komunikazzjoni u kummerċjalizzazzjoni għal kull objettiv kif imsemmi fl-Artikolu 46, il-punt (h) u (i), ta' dak ir-Regolament;

9. Formola B.2.

Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-apikultura, li għalih l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena n-nefqa pubblika totali mġarrba (f'euro jew fil-munita nazzjonali) matul is-sena finanzjarja agrikola, diżaggregata skont l-intervent;

10. Formola B.3.

Din il-formola tikkonċerna s-settur tal-inbid, li għalih l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena l-informazzjoni li ġejja relatata mas-sena finanzjarja agrikola preċedenti:

(a) għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji u l-ħsad bikri:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni;

(ii) in-nefqa totali tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(iv) in-numru ta' operazzjonijiet;

(b) għall-investimenti f'intrapriżi, l-investimenti f'intrapriżi f'reġjuni ta' konverġenza, l-investimenti f'intrapriża f'reġjuni oħra għajr ir-reġjuni ta' konverġenza, l-investimenti f'intrapriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-investiment f'intrapriżi fir-reġjuni żgħar tal-Gżejjer tal-Eġew:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(c) għall-assigurazzjoni tal-ħsad:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(iv) l-għadd ta' poloz tal-assigurazzjoni ffinanzjati;

(d) għall-innovazzjoni:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(e) għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) l-għadd ta' benefiċjarji (distilleriji);

(iii) naqal (medda ta' appoġġ massimu);

(iv) karfi (medda ta' appoġġ massimu);

(v) kwantità ta' naqal distillat;

(vi) kwantità ta' karfi distillati;

(vii) miljun ettolitru ta' alkoħol miksuba;

(f) għal azzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li għandhom l-għan li jsaħħu r-reputazzjoni tal-vinji tal-Unjoni billi jippromwovu t-turiżmu tal-inbid fir-reġjuni tal-produzzjoni:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(iv) in-numru ta' operazzjonijiet;

(g) għal azzjonijiet meħuda minn organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti mill-Istati Membri fis-settur tal-inbid skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 bil-għan li jittejjeb l-għarfien tas-suq:

(i) l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni (f'euro jew fil-munita nazzjonali);

(ii) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) tal-benefiċjarji;

(iii) l-għadd ta' benefiċjarji;

(iv) in-numru ta' operazzjonijiet;

(h) għal informazzjoni fl-Istati Membri u għall-promozzjoni u l-komunikazzjonijiet f'pajjiżi terzi:

(i) l-għadd ta' benefiċjarji;

(ii) in-numru ta' operazzjonijiet;

(iii) għal kull azzjoni ta' informazzjoni jew ta' promozzjoni:

(1) il-benefiċjarji;

(2) il-miżura eliġibbli;

(3) deskrizzjoni;

(4) is-suq fil-mira;

(5) il-perjodu;

(6) in-nefqa totali (f'euro jew fil-munita nazzjonali) li minnha:

— l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni taħt l-interventi settorjali;

— l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni taħt appoġġ ieħor;

— l-għajnuna mill-Istat;

— in-nefqa tal-benefiċjarji.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

ANNESS VI

REGOLI DWAR ID-*DATA* DWAR IL-GRUPPI OPERAZZJONALI TAS-SĦUBIJA EWROPEA GĦALL-INNOVAZZJONI GĦALL-PRODUTTIVITÀ U S-SOSTENIBBILTÀ AGRIKOLA (EIP) IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 13(2)

***Data* obbligatorja**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* obbligatorja li ġejja dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP:

   (a) it-titlu tal-proġett: it-titlu qasir tal-proġett fil-lingwa nattiva;

   (b) it-titlu tal-proġett bl-Ingliż: it-titlu qasir tal-proġett bl-Ingliż;

   (c) l-editur tat-test: l-isem tal-persuna jew tal-korp responsabbli għall-abbozzar tal-informazzjoni kkodifikata fis-sistema elettronika għall-iskambju sigur tal-informazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa "SFC2021";

   (d) il-koordinatur tal-proġett: l-isem, l-indirizz, il-posta elettronika u t-telefon tal-persuna responsabbli għall-ġestjoni tal-proġett skont il-ftehim ta' kooperazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-proġett;

   (e) is-sieħeb/sħab tal-proġett: l-isem, l-indirizz, il-posta elettronika, it-telefon u t-tip ta' sieħeb/sħab;

   (f) "transunt tal-prattika" bil-lingwa nattiva li għandu jinkludi:

      (i) l-objettiv tal-proġett li jiddeskrivi l-problemi u/jew l-opportunitajiet li jindirizza l-proġett;

      (ii) sommarju qasir dwar is-sejbiet (mistennija jew finali). Jenħtieġ li dan is-sommarju, tal-anqas, ikun fih l-informazzjoni li ġejja, b'lingwaġġ faċli biex jinftiehem orjentat lejn il-prattikanti u l-utenti finali tar-riżultati tal-proġett:

         (1) is-sejbiet ewlenin tal-proġett (mistennija jew finali);

         (2) ir-rakkomandazzjoni(jiet) prattika/prattiċi ewlenija/ewlenin;

   (g) "transunt tal-prattika" bl-Ingliż: traduzzjoni tat-"transunt tal-prattika" fl-Ingliż;

   (h) kategorija tal-keywords: il-keywords applikabbli għall-proġett magħżula minn lista predefinita tal-kategoriji, stabbilita fl-SFC2021;

   (i) l-istatus tal-proġett: l-istatus tal-proġett: għadu għaddej (wara l-għażla) jew lest;

   (j) sors(i) ta' finanzjament addizzjonali: is-sors ta' finanzjament addizzjonali minbarra l-appoġġ tal-PAK tal-EIP, bħal Orizzont 2020, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jekk ikun hemm;

   (k) il-perjodu tal-proġett: id-data tal-bidu u tat-tmiem tal-proġett;

   (l) il-post ġeografiku: ir-reġjun tan-NUTS 3 fejn iseħħu l-attivitajiet ewlenin tal-proġett;

   (m) il-kontribut tal-proġett għall-objettivi speċifiċi tal-PAK: l-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi tal-PAK imsemmi(ja) fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2021/2115 li għalih(om) se jikkontribwixxi l-proġett;

   (n) gruppi operazzjonali transfruntieri/tranżnazzjonali:

      (i) jekk il-proġett huwiex transfruntier u/jew tranżnazzjonali;

      (ii) liema Stat Membru/reġjun jikkoordina u jikkodifika l-proġett fl-SFC2021;

      (iii) liema Stat(i) Membru/Membri/reġjun(i) jifforma(w) parti mill-proġett (bl-użu tal-kodiċi NUTS 3);

      (iv) il-baġit għal kull Stat Membru/reġjun li jifforma parti mill-proġett, fin-nefqa pubblika, li jiġbor f'daqqa l-kontribuzzjonijiet kollha (FAEŻR, kofinanzjament nazzjonali u finanzjament nazzjonali addizzjonali jekk applikabbli);

   (o) rapport finali: deskrizzjoni komprensiva tal-eżiti tal-proġett wara li jitlesta;

   (p) baġit totali: il-kontribuzzjonijiet totali tal-proġett (FAEŻR, kofinanzjament nazzjonali u finanzjament nazzjonali addizzjonali jekk applikabbli);

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

(q) il-kontribut tal-proġett għall-istrateġiji tal-Unjoni: l-objettiv(i) tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt ([2]), l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità ([3]), l-istrateġija għall-Forestrija ([4]) u l-istrateġija tal-UE dwar l-assorbimenti tal-karbonju ([5]) li għalihom x'aktarx jikkontribwixxi l-proġett, li għandhom jintgħażlu mil-lista li ġejja:

(i) il-kisba tan-newtralità klimatika;

(ii) it-tnaqqis tal-użu ġenerali u r-riskju ta' pestiċidi kimiċi;

(iii) it-trawwim tal-biedja organika u/jew tal-akkwakultura organika;

(iv) it-tnaqqis tal-użu ta' antimikrobiċi għall-annimali mrobbija u fl-akkwakultura;

(v) it-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti u l-użu tal-fertilizzanti, filwaqt li tinżamm il-fertilità tal-ħamrija;

(vi) it-titjib tal-ġestjoni tar-riżorsi naturali użati fl-agrikoltura, bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja;

(vii) il-protezzjoni u/jew ir-restawr tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema fi ħdan is-sistemi agrikoli u tal-foresti;

(viii) il-kisba lura ta' żona agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità għolja;

(ix) l-iffaċilitar tal-aċċess għal Internet broadband veloċi fiż-żoni rurali;

(x) it-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali;

(xi) it-trawwim ta' afforestazzjoni u riforestazzjoni li jiffavorixxu l-bijodiversità.

***Data* rakkomandata**

2. L-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa biex jirrapportaw id-*data* rakkomandata li ġejja dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP:

(a) materjal awdjoviżiv: materjal mill-proġett żviluppat għall-prattikant u għall-utenti finali jew għar-riżultati tal-proġett (inkluż vidjows, ritratti, podcasts, eċċ.);

(b) is-sit web tal-proġett: il-URL tas-sit(i) web;

(c) sit(i) web ieħor(oħrajn): il-URL tas-sit(i) web, li se jospita(w) l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proġett ukoll wara t-tmiem tal-proġett;

(d) deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-proġett bil-lingwa nattiva: sommarju qasir li jenfasizza l-attivitajiet ewlenin tal-proġett;

(e) deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-proġett bl-Ingliż: sommarju qasir li jenfasizza l-attivitajiet ewlenin tal-proġett.

***Data* fakultattiva**

3. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw id-*data* fakultattiva li ġejja dwar il-gruppi operazzjonali tal-EIP:

(a) kaxxi addizzjonali għal transunti tal-prattika addizzjonali fil-lingwa nattiva;

(b) kaxxi addizzjonali għal transunti tal-prattika addizzjonali bl-Ingliż;

(c) deskrizzjoni tal-kuntest tal-proġett: test liberu biex jiddeskrivi l-fatturi ewlenin li taw bidu il-proġett, bħal-leġiżlazzjoni, is-swieq jew kawżi oħra;

(d) informazzjoni addizzjonali dwar il-proġett: test liberu li jipprovdi dettalji kif meħtieġ minn gwida speċifika fil-livell nazzjonali/reġjonali, bħal pereżempju għal finijiet ta' monitoraġġ;

(e) kummenti addizzjonali: test liberu biex jiġu elenkati l-elementi ta' sostenn jew l-ostakli fl-implimentazzjoni tal-proġett, suġġerimenti għal azzjonijiet futuri/gruppi operazzjonali/riċerka, messaġġi lill-konsumaturi, eċċ.

([2]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent".

([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna".

([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titolu "L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030".

([5]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2021 intitolata "Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli".

ANNESS VII

REGOLI DWAR ID-*DATA* DWAR IL-GAL U L-ATTIVITAJIET TAGĦHOM GĦAL LEADER IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 14(2)

***Data* relatata mal-GAL**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw sat-30 ta' April tas-sena N il-varjabbli stabbiliti fil-punti (a) sa (g), għal kull GAL, għall-GAL magħżula sal-31 ta' Diċembru tas-sena N-1. Id-*data* tirrigwarda s-sitwazzjoni tal-GAL fil-mument tal-għażla u tiġi rrapportata darba biss.

   (a) L100: identifikazzjoni tal-GAL (ID)

   Din il-kaxxa tipprovdi kodiċi uniku ta' kull GAL;

   (b) L200: Isem il-GAL

   Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar l-isem tal-grupp ta' azzjoni lokali;

   (c) L300: kodiċijiet muniċipali

   Din il-kaxxa tipprovdi lista tal-kodiċi tal-Unità Amministrattiva Lokali tal-muniċipalitajiet fiż-żona tal-GAL. Jistgħu jintgħażlu diversi kodiċijiet;

   (d) L400: popolazzjoni totali

   Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar il-popolazzjoni fiż-żona tal-GAL. Il-kalkolu ta' dan il-varjabbli għandu jsegwi l-metodu ta' kalkolu tal-Indikatur tar-riżultat R.38 "Kopertura ta' LEADER" stabbilit fil-punt 8(j) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2290;

   (e) L500: l-appoġġ ta' GAL minn aktar minn Fond wieħed skont l-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060

   Din il-kaxxa tindika jekk il-GAL huwiex appoġġat minn Fondi oħra minbarra l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

   Jekk il-valur L500 ikun "iva", il-GAL għandu jipprovdi l-varjabbli li ġejjin:

   (i) L501: l-użu tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR): jekk il-GAL huwiex qed jirċievi appoġġ taħt il-FEŻR;

   (ii) L502: l-użu tal-appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+): jekk il-GAL huwiex qed jirċievi appoġġ taħt l-FSE+;

   (iii) L503: l-użu tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA): jekk il-GAL huwiex qed jirċievi appoġġ taħt il-FEMSA;

   (iv) L504: l-użu ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) oħrajn (eż. il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta);

   (f) L600: l-għadd totali ta' membri tal-GAL

   Din il-kaxxa tipprovdi informazzjoni dwar l-għadd totali tal-membri tal-GAL imsemmija fl-Artikolu 31(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/1060. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' membri tal-GAL diżaggregati skont it-tip ta' organizzazzjoni, kif ġej:

   (i) L601: l-għadd ta' membri tal-GAL li jirrappreżentaw amministrazzjonijiet pubbliċi;

   (ii) L602: l-għadd ta' membri tal-GAL li jirrappreżentaw interessi ekonomiċi lokali privati (eż. organizzazzjonijiet ekonomiċi, negozji lokali, eċċ.);

   (iii) L603: l-għadd ta' membri tal-GAL li jirrappreżentaw interessi lokali soċjali (eż. organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet lokali, eċċ.);

   (iv) L604: L-għadd ta' membri tal-GAL li jaqgħu taħt kategoriji oħra minbarra dawk elenkati fil-punti (i), (ii) u (iii);

   (g) L610: l-għadd totali ta' membri tal-GAL fil-korp deċiżjonali tal-GAL

   L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' membri tal-GAL fil-korp deċiżjonali skont it-tip ta' organizzazzjoni, kif ġej:

   (i) L611: l-għadd ta' membri tal-korp deċiżjonali tal-GAL li jirrappreżentaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi;

(ii) L612: l-għadd ta' membri tal-korp deċiżjonali tal-GAL li jirrappreżentaw interessi ekonomiċi lokali privati (eż. organizzazzjonijiet ekonomiċi, negozji lokali, eċċ.);

(iii) L613: l-għadd ta' membri fil-korp deċiżjonali tal-GAL li jirrappreżentaw interessi lokali soċjali (eż. organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet lokali, eċċ.);

(iv) L614: l-għadd ta' membri fil-korp deċiżjonali tal-GAL li jaqgħu taħt kategoriji oħra minn dawk elenkati fil-punti (i), (ii) u (iii);

Il-ġeneru tal-membri tal-GAL fil-korp deċiżjonali tal-GAL

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' membri fil-korp deċiżjonali tal-GAL skont il-ġeneru (L615 sa L618);

L-età tal-membri tal-GAL fil-korp deċiżjonali tal-GAL

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' membri fil-korp deċiżjonali tal-GAL skont l-età, kif ġej:

(v) L619: l-għadd ta' żgħażagħ fil-korp deċiżjonali tal-GAL

Din il-kaxxa tapplika għal persuni li huma taħt ċertu limitu ta' età kif definit mill-Istati Membri;

(vi) L620: il-limitu tal-età ddefinit mill-Istat Membru għall-varjabbli msemmi fil-punt (v).

***Data* relatata mal-attivitajiet tal-GAL**

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-lista ta' varjabbli dwar l-attivitajiet tal-GAL stabbilita fil-punti (a) sa (d) skont il-GAL, fl-2026 u fl-2030, mill-mument tal-ewwel pagament lil operazzjoni partikolari. Ir-rapport fis-sena N jirrigwarda l-operazzjonijiet kollha mħallsa sal-15 ta' Ottubru N-1. Dawn il-varjabbli jirrigwardaw l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati b'mod konformi mal-Artikolu 34(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/1060.

(a) L100: identifikazzjoni tal-GAL (ID)

(b) L700: l-għadd totali ta' operazzjonijiet implimentati mill-GAL

Din il-kaxxa tipprovdi l-għadd totali ta' operazzjonijiet implimentati mill-GAL, mingħajr għadd doppju. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' operazzjonijiet skont it-tip ta' promotur, kif ġej:

(i) L701: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati minn individwi jew negozji privati;

(ii) L702: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi;

(iii) L703: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati minn rappreżentanti ta' interessi ekonomiċi lokali privati (eż. assoċjazzjonijiet tan-negozju, kamra tal-kummerċ, eċċ.);

(iv) L704: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati mir-rappreżentanti ta' interessi lokali soċjali (eż. organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet lokali, eċċ.);

(v) L705: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet tar-riċerka;

(vi) L706: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati b'mod konġunt minn diversi tipi ta' promoturi;

(vii) L707: l-għadd ta' operazzjonijiet implimentati minn promoturi li jaqgħu taħt kategoriji differenti minn dawk elenkati fil-punti (i) sa (vi);

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-għadd ta' operazzjonijiet ta' kooperazzjoni interreġjonali jew tranżnazzjonali kif ġej:

(viii) L708: l-għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni interreġjonali implimentati mill-GAL;

(ix) L709: l-għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali implimentati mill-GAL;

(c) L710: l-għadd ta' operazzjonijiet li huma innovattivi fil-kuntest lokali

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw operazzjonijiet li huma innovattivi fil-kuntest lokali kif stabbilit fl-Artikolu 31(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/1060.

L-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali jew il-GAL għandhom jiddefinixxu t-terminu "innovattiv fil-kuntest lokali";

(d) Operazzjonijiet skont l-objettiv/iż-żona

Din il-kaxxa tindika l-objettiv/il-qasam jew id-diversi objettivi/oqsma li magħhom hija relatata operazzjoni partikolari, kif ġej:

(i) L801: l-għadd ta' operazzjonijiet relatati mat-trasferiment tal-għarfien, inkluż pariri, taħriġ u skambju tal-għarfien dwar prestazzjoni sostenibbli, ekonomika, soċjali, ambjentali u li ma tagħmilx ħsara lill-klima;

(ii) L802: l-għadd ta' operazzjonijiet relatati mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, is-swieq lokali, il-ktajjen tal-provvista qosra u l-iskemi tal-kwalità, inkluż l-appoġġ għall-investiment, l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni, eċċ.;

(iii) L803: l-għadd ta' operazzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż dawk ibbażati fuq il-prodotti bijoloġiċi;

(iv) L804: l-għadd ta' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ambjentali u l-kisba tal-miri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni rurali;

(v) L805: l-għadd ta' operazzjonijiet li joħolqu l-impjiegi;

(vi) L806: l-għadd ta' operazzjonijiet li jappoġġaw in-negozji rurali, inkluż il-bijoekonomija;

(vii) L807: l-għadd ta' operazzjonijiet relatati ma' strateġiji ta' rħula intelliġenti;

(viii) L808: l-għadd ta' operazzjonijiet li jtejbu l-aċċess għas-servizzi u l-infrastruttura, inkluż il-broadband;

(ix) L809: l-għadd ta' operazzjonijiet fil-qasam tal-inklużjoni soċjali;

(x) L810: l-għadd ta' operazzjonijiet li jaqgħu taħt kategoriji differenti minn dawk elenkati fil-punti (i) sa (ix).

***Data* relatata mal-finanzi tal-GAL**

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-varjabbli stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) dwar il-finanzjament tal-GAL fl-2026 u fl-2030. Ir-rapport fis-sena N jirrigwarda l-operazzjonijiet kollha mħallsa sal-15 ta' Ottubru N-1.

(a) L900: il-baġit totali tal-Unjoni taħt il-FAEŻR ippjanat, għal kull strateġija ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità (SŻL)

(b) L910: l-ammont totali mill-FAEŻR impenjat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, inkluż l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u t-tħejjija, magħżula taħt is-SŻL

(c) L920: l-ammont totali tal-kontribuzzjoni mill-Unjoni mħallsa mill-FAEŻR għal kull LDS

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-kontribuzzjoni mill-Unjoni mħallsa mill-FAEŻR diżaggregata skont l-azzjonijiet previsti fl-Artikolu 34(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2021/1060:

(i) L921: l-ammont totali mill-FAEŻR imħallas għall-bini tal-kapaċità u għall-azzjonijiet ta' tħejjija li jappoġġaw it-tfassil u l-implimentazzjoni futura tas-SŻL;

(ii) L922: l-ammont totali mill-FAEŻR imħallas għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet, inkluż l-attivitajiet ta' kooperazzjoni u t-tħejjija tagħhom, magħżula taħt is-SŻL;

(iii) L923: l-ammont totali mill-FAEŻR imħallas għall-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-SŻL u l-animazzjoni tagħha, inkluż il-faċilitazzjoni tal-iskambji bejn il-partijiet ikkonċernati.

Kontribut għall-indikaturi tar-riżultat

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw fl-2026 u fl-2030 informazzjoni skont il-GAL dwar il-kontribut tas-SŻL għall-indikaturi tar-riżultat rilevanti kollha msemmija fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/2115 magħżula fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom wara l-għażla tal-LDS. Ir-rapport fis-sena N jirrigwarda l-operazzjonijiet kollha mħallsa sal-15 ta' Ottubru tas-sena N-1.